MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1188/2007

**Constantine Abela**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Constantine Abela fejn dan, wara li ppremetta illi:

B’ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru 2007, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab il-hlas ta’ Lm32,810 fil-hlas ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1995, 1996, 1997 u 1998 skond l-avviz hemm unit.

Bl-istess ittra ufficjali, l-Intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni nforma lir-rikorrenti illi huwa ser jipprocedi ghall-

esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

B'ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 2007, Constantino Abela oppona ghall-hrug ta' tali titolu esekuttiv stante illi l-ammont mitlub mid-Dipartiment ghadu kontestat u ghadu ma harigx rifjut mill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni biex b'hekk ir-rikorrenti jkollu access li jmur quddiem il-Board of Special Commissioners oltre l-fatt illi l-ammont mitlub huwa preskritt skond il-ligi barra ukoll li fil-mertu l-ammont mhux dovut oltre illi l-istess rikorrenti ssalda kull debitu li talvolta setgha kellu mal-istess Dipartiment u dan kif titlob l-istess ligi. Illi inoltre ma setghux jinfethu assessments ta' dawk is-snin li fihom gew moghtija l-amnestiji mill-istess Gvern.

Din l-ittra ufficjali maghmula mid-Dipartiment hija intempestiva stante li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghadu ma harigx rifjut skond il-ligi biex b'hekk l-ammont ghadu kontestat bejn il-partijiet.

Wara li jinhareg dan ir-rifjut, ir-rikorrenti kien ikollu dritt li jmur il-Board of Special Commissioners biex il-kaz tieghu jigi deciz skond il-ligi u dan ai termini tal-istess ligi kif proceduralment normalment isir bhal ma gie deciz fil-kaz 13/06 fl-ismijiet "Winston Carbone vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" deciz mill-Board of Special Commissioners fl-24 ta' Ottubru 2007.

Wara tali decizjoni, kull parti fuq punt ta' ligi ghandha dritt tappella quddiem il-Qorti tal-Appell.

Il-procedura kif maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija rrita u nulla stante li l-istess Kummissarju kien obbligat skond il-ligi biex johrog tali rifjut u mhux jiehu t-tapit minn taht is-saqajn u jipprezenta l-ittra ufficjali fuq imsemmija u jittenta li jirrendiha esekuttiva.

Ir-rikorrenti, b'ittra tat-18 ta' April 2007, oggezzjona ghall-hrug ta' tali assessments u dan kif jirrizulta mill-acknowledgement tad-19 ta' April 2007.

Ghalhekk ghal din ir-raguni f’dan l-istadju zgur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni li messu mexxa bil-procedura kif normalment isir.

Inoltre l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien qed jippretendi l-hlas ta’ Lm32,810 fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1995, 1996, 1997 u 1998, skond l-avviz, Taqsima VII Artiklu 42(5) Taxxa Dovuta Skond l-Artiklu 42(1) u dan skond ittra tat-18 ta’ Gunju, 2007,referenza numru 344328(M) (99770).

Tali pagament mhux dovut u huwa preskritt skond il-Ligi ghas-snin ta’ stima 1995, 1996, 1997 u 1998, u dan stante illi s-sub artiklu 30(4) u 31(1) tal-Att XVIII tal-1994 jimponi perjodu ta’ tmien snin wara li taghlaq is-sena u li tkun ser tigi assessjata sabiex fih il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jintaxxa lill-persuna koncernata haga li ma saritx fil-kaz in ezami ghax tali assessments hargu ferm wara t-tmien snin stabbiliti mil-ligi.

Dan il-principju gie sancit fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju, 2003, fl-ismijiet “Anthony Cachia vs Kummissarju tat-Taxxi Interni”.

Il-principju massimu fil-Ligi Fiskali hu li m’ghandu jkun hemm l-ebda legislazzjoni retroattiva u ghalhekk il-provisos kif emendati bl-Att IX tal-1999.7 u Att II.2003.46 ma japplikawx fil-kaz in kwistjoni. Dan kollu gia gie kkonsidrat mill-Board of Special Commissioners fil-case number 2/04 deciza minn Tax Payer vs Commissioner of Inland Revenue fejn gie deciz illi ma kienx gust li l-emendi fil-ligi tat-taxxa u l-provisos japplikaw retroattivament u ghalhekk xejn mhu dovut mill-mittenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kif ukoll gie deciz fil-kaz numru 13/06, fil-kawza fl-ismijiet “Winston Carbone vs Kummissarju tat-Taxxi Interni, deciza mill-Bord of Special Commissioners, fl-24 ta’ Ottubru, 2007.

In oltre b’sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet “Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana” deciza fl-10 ta’ Jannar, 2007, dan il-principju gie assodat f’din it-tali sentenza u ghalhekk xejn mhu dovut lilek. Oltre

dan, il-principju generali tal-korrettezza tal-buona fede ghandkom ikunu inprontati bejn il-kontribwent u l-fisko u dan ghac-certezza tal-ordinament guridiku. Illi dan il-hsieb ma giex biss riskontrat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-Italja izda ukoll mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea u cioe' fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2002 in re G. I Spa vs Ministero delle Finanze. Dan il-principju ta' certezza tad-dritt kif ukoll ma' dak tan-non retroattiva, huma ukoll pilastri rassikuranti fit-thaddim tal-principji generali tal-ligi komunitarja u cioe' d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Ottubru 1987 in re Kolpinghuis Nijmegen B.V. (Kaz Nru. 80/86).

Inti taf illi l-mittenti b'ittra tat-18 ta' April, 2007, b'ricevuta mid-dipartiment tieghek fid-19 ta' April, 2007, ghas-snin ta' stimi 1995, 1996, 1997 u 1998 oggezzjona ghall-ammont mitlub minnkom stante li xejn mhu dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghax l-ammont huwa preskritt skond il-ligi.

Barra minn hekk huwa dejjem hallas dak li huwa dovut lill-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni u m'ghandu jaghtih xejn u dejjem irregolarizza ruhu ai termini tal-amnestiji moghtija mill-Gvern tul iz-zmien biex b'hekk dawk l-istess amnestiji ghall-ebda raguni m'ghandhom jigu dedotti kontra tieghu fl-argumentazzjoni tad-Dipartiment ghall-hlas tat-taxxa minnhom pretiz u dan stante illi llum huwa ghandu mat-tmenin sena u z-zmien tal-hidma tieghu ilha li ghaddiet u ghalhekk ma jistax jigi imputat lilu xoghol li huwa effettivament mhux qed jaghmel stante l-eta' li huwa ghadnu. B'dawn it-tali amnestiji, ir-rikorrent issalda kull debitu li talvolta seta' kellu mal-istess Dipartiment u dan kif titlob l-istess ligi li ma jistghux jinfethu assessments ta' dawk is-snin in ezami galadarba l-amnestiji gew moghtija mill-istess Gvern.

Ghaldaqstant l-esponenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi jaghmel riferenza ghall-Artikolu 283A tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta u jitlob li l-att esekuttiv jithassar ghal kollox ghar-ragunijiet validi fil-ligi ossija ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghalhekk huwa m'ghandu jaghti xejn lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998, illi l-ammonti mitluba huma preskritti

fil-ligi u fi kwalunkwe kaz, ma jistghux jinfethu tali assessments mill-gdid galadarba l-esponenti vvanta lilu nnifsu mill-amnestiji moghtija.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn dan eccepixxa illi:

L-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni ta' l-24 ta' Ottubru 2007 hija gusta u timmerita konferma kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi inoltre, l-Istimi mahruga mill-esponent Kummissarju ghas-snin ta' stima 1995, 1996, 1997 u 1998 m'humiex preskritti stante illi ai termini ta' l-Artikolu 30(5) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subinciz (4) ta' l-istess Artikolu li jistabbilixxi li stima ghandha ssir entro il-perjodu ta' tmien snin mill-iskadenza ta' sena ta' stima, "*meta persuna ma ddikjaratx b'mod komplet u veritjier kull fatt materjali mehtieg ghall-istima taghha ghal xi sena u b'hekk tevita t-taxxa, il-Kummissarju, meta jidhirlu li dak li sar ikun dovut ghall-frodi jew evazjoni, jista' f'kull zmien jaghmel stima ta' dik il-persuna b'dak l-ammont jew ammont addizzjonali hekk kif skond l-ahjar gudizzju tieghu dik il-persuna kellha tigi intaxxata u ghandu jiehu passi biex isir il-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali jew penali*" (enfazi ta' l-esponent).

Illi l-kawzi citati mir-rikorrent dwar ir-retroattivita' o meno ta' l-emendi li saru permezz ta' l-Att IX ta' l-1997 m'humiex *res judicata* u allura m'ghandhomx jigu citati mir-rikorrent.

Illi l-ammonti mitluba mill-intimat huma kollha dovuti billi dawn qatt ma thallsu mir-rikorrent.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn dan eccepixxa illi:

Minn verifiki illi huwa ghamel l-ammont ta’ Lm32,810 fi hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1995, 1996, 1997 u 1998 ghadu taht kontestazzjoni skond l-Att Dwar l-Aministrazzjoni tat-Taxxa.

Anness ma’ dan ir-rikors, l-esponent qieghed jipprezenta Nota li ser tigi pprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-atti tal-Ittra Ufficjali fl-ismijiet premessi fejn jirtira l-imsemmija Ittra Ufficjali sabiex jidderigi ruhu ahjar.

Ghalhekk, il-mertu ta’ dan ir-rikors huwa ezawrit hlief ghall-kap tat-talba tar-rikorrent biex din il-Qorti tiddikjara li huwa m’ghandu jaghti xejn lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, haga li trid tigi deciza, se mai, mhux f’dawn il-proceduri imma skond l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ghar-rigward ta’ l-imsemmija talba, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirrileva li din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi din it-talba stante li tali gurisdizzjoni tirrisjedi fil-Bord tal-Kummissarji Specjali u jekk ikun il-kaz fil-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn dan qal illi:

Biha qieghed ghal kull buon fini jirtira l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi sabiex jidderigi ruhu ahjar.

Rat in-nota ta’ Constantine Abela fejn dan eccepixxa illi:

Permezz ta’ din in-nota l-esponenti Constantino Abela qieghed icedi l-imsemmija kawza, pero’ l-esponenti jzomm ferm il-kap ta’ l-ispejjez, liema spejjez ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

Rat in-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn dan qal illi:

Biha qieghed jammetti l-kap ta’ l-ispejjez.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis il-mertu tar-rikors ezawrit hlief ghat-talba tal-istess rikorrent biex din il-Qorti tiddikjara li xejn mhu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-istess Abela.

Il-Qorti kkunsidrat illi fil-mument li bdew il-proceduri, l-ammonti mitluba kienu ghadhom kontestati mit-taxpayer u l-istess Kummissarju kien ghadu ma harigx ir-rifjut finali, li warajh kienet riskatta l-procedura li taghti dritt lit-taxpayer jadixxi lill-Board of Special Commissioners ai termini tal-Ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni ghar-rigward tat-talba ghall-hlas tal-ammonti allegatament dovuti minn Constantine Abela.

L-ispejjez jithallsu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------